**17 ta' April, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Avukat Goffredo Randon ne.

*versus*

Paolo Ebejer et.

**Diviżjoni — Leġittima — Ekwiparazzjoni — Art. 538 u 541 tal-Kodiċi Ċivili.**

*F'diviżjoni ta' assi komuni, kull sehem għandu jiġi magħmul talment li jkun jikkomprendi l-istess kwantità ta' beni immobili, jeddijiet jew krediti, tal-istess xorta u tal-istess valur; u kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura; u l-istima u l-valur tal-porzjonijiet għandhom jiġu fissati b'mod li ma tiġix arrekata ħsara kbira lill-partijiet.*

*Imma l-Qorti mhijiex marbuta bl-ebda mod mas-suġġerimenti li jagħmel il-perit, jew b'xi kondizzjoni talvolta minnu kontemplata; u hu dejjem deżiderabbli illi l-ekwiparazzjoni ma tkunx oneruża, sabiex ma tiġix żnaturata l-funzjoni tagħha.*

Il-Qorti: — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi fis-7 ta' Lulju 1931 u fil-11 ta' Ottubru 1937 rispettivament mietu l-imsemmijin Carmela u Giuseppe Ebejer (dok. C u D), u bit-testment fuq imsemmi nnominaw eredi universali tagħhom lill-konvenuti nofs kull wieħed, u ħallew il-leġittima skond il-liġi lill-imsemmi Carmelo Ebejer; talab li, għall-finijiet tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-leġittima paterna u materna dovuta lil Carmelo Ebejer, (1) jiġi likwidat l-assi soċjali ta' Giuseppe u Carmela miżżewġin Ebejer, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti fil-beni li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża, u ordnata l-qasma ta' dan l-assi f'żewġ ishma ugwali, li wieħed jiġi assenjat lill-assi partikulari ta' Giu-

seppe u l-ieħor lill-assi partikulari ta' Carmelo Ebejer; (2) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Carmela Ebejer, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti fil-beni li jmissu lil dan l-assi mill-qasma tal-assi soċjali konjugali fuq imsemmija u f'kull ġid ieħor li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (3) tiġi likwidata l-leġittima materna dovuta lill-imsemmi Carmelo Ebejer, li tkun tikkonsisti f'tant beni daqs kemm jiffurmaw in-nona parti (1/9) ta' dak l-assi, u tiġi ordnata l-assenjazzjoni ta' dawk il-beni lill-attur nomine; (4) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Giuseppe Ebejer, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti fil-beni li jmissu lil dan l-assi u f'kull ġid ieħor li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; (5) tiġi likwidata l-leġittima paterna dovuta lill-imsemmi Carmelo Ebejer, li tkun tikkonsisti f'tant beni daqs kemm jiffurmaw in-nona parti (1/9) ta' dak l-assi, u tiġi ordnata l-assenjazzjoni ta' dawk il-beni lill-attur nomine; (6) jiġi nominat nutar biex jirċievi u jippublika l-att ta' diviżjoni u assenjazzjoni, li għandu jiġi publikat fil-jum, ħin u lok li jiġu determinati mill-Qorti, bl-intervent ta' kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenui;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Novembru 1960, li biha ddeċediet u provdiet l-ewwel ħames domandi, billi (a) illikwidat, bħala meħudin flimkien, l-assijiet appartenenti lil Carmela u Giuseppa ġa miżżewġin Ebejer, u ddikjarat li dawn l-assijiet jikkonsistu fis-sustanzi speċifikati fir-relazzjoni tal-perit legali a fol. 187 sa fol. 194, tal-valur komplessiv ta' £20,985. 17. 0d, u soġġetti għall-passiv indikat a fol. 194 sa fol. 197, ammontanti għal £2,457. 8. 8d, b'mod li l-valur nett ta' dawk l-assijiet huwa £18,528. 8.4d, (b) illikwidat il-leġittima kompetenti lill-attur fid-disgħa parti (1/9) ta' dawk l-assijiet, tal-valur ta' £2,058. 14. 3d; (c) u assenjat lill-attur in sodisfazzjon tal-leġittima lilu dovuta, l-immobili kompriżi fit-tieni alternattiva proposta mill-perit legali u deskritti a fol. 198 u 199 tal-proċess, tal-valur komplessiv ta' £2.082. bl-obligu li jħallas £23. 5. 9d bħala ekwiparazzjoni lill-eredi; bir-riżervi ta' drittijiet imsemmija fir-relazzjoni tal-perit legali; laqgħet l-aħħar talba u nnominat lin-Nutar Peter Paul Pellegrini Petit biex jip-

publika l-att opportun f'waħda mill-awli tal-Qrati Superjuri fil-21 ta' Diċembru 1960, fl-10.30 a.m., u lill-Avukat Dr. Giuseppe Mifsud Speranza bħala kuratur biex jidher għall-kontumaċi f'dak l-att. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti fil-kwalitajiet fuq miġjuba;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta li ż-żewġ assijiet tal-ġenituri tal-kontendenti, kunsidrati bħala "quid unum" u likwidati flimkien, skond il ftehim riżultanti mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju *1959 (fol. 157 tergo u 175)*, jikkonsisti . . . . b'mod li l-valur *nett ta' dawk l-assijiet huwa ta' £18,528. 8. 4d*, u kwindi l-valur tal-leġittima li tmisis lill-attur, jiġifieri n-nona parti jammonta għal £2,058. 14. 3d;

Issottometta wkoll illi in sodisfazzjon ta' din il-leġittima jiġu assenjati lill-attur (a) jew il-fond numri 29 u 30 Marina Street, Pjeta', bħala soġġett għar-rata taċ-ċens perpetwu ta' 11s. 3d. fis-sena, u li skond l-istima tal-perit tekniku jiswa £2,100, u jkollu jħallas £41. 5. 9d bħala ekwiparazzjoni lill-konvenuti, (b) jew it-tliet fondi, *jiġifieri* (i) l-ħanut numri 27 u 28 Marina Street, Pjeta', soġġett għar-rata taċ-ċens perpetwu ta' 11s. 3d. fis-sena, li jiswa, skond l-istima *fuq imsemmija*, £1,200, (ii) il-post numru 146 Sisters Street Tarxien, soġġett *għar-rati* taċ-ċens ta' 1s. 6d. u 2s. 6d. fis-sena, stmat kif fuq £144, (iii) u l-garage numru 153 Sisters Street, Tarxien, soġġett għar-rati ta' ċens ta' 2s. 6d. u 4s. 2d. fis-sena, stmat kif fuq £738, b'valur totali ta' £2,082, u bl-obbligu li jħallas lill-konvenuti l-ekwiparazzjoni ta' £23. 5. 9d; u l-bilanċ jirrappreżenta l-valur tal-leġittima fuq likwidata, £2,058. 14. 3d;

Il-perit issottometta wkoll li l-konvenuti jkunu obligati wkoll iħallsu lill-attur il-*kera kollu li daħħlu* mill-proprijetà *immobiljari* assenjata lill-istess attur, bla tnaqqis, mis-sena 1937 (meta miet Giuseppe Ebejer) 'l hawn, u *jkollhom dritt għar-rifużjoni* tal-flus kollha li jipprovaw li ħallsu lill-Gvern *għall-manteniment* u kura tal-attur *interdett* fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, fejn dan jinsab rikoverat;

salva wkoll ir-reviżjoni tal-valur tal-leġittima wara li tkun definita l-kawża fl-ismijiet "Professur Dr. Enrico C. Vassallo nomine versus Joseph Ebejer", pendenti quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, għal-likwidazzjoni tad-danni talvolta dovuti mill-imsemmi Joseph Ebejer, awtur komuni tal-kontendenti;

Illi dwar il-likwidazzjoni, kif fuq magħmula mill-perit legali, ma saret mill-partijiet ebda kontestazzjoni; l-uniku pont fejn dawn ma qablux huwa dwar il-fondi li għandhom jiġu assenjati lill-attur. Difatti, dan għażel l-immobili speċifikati fit-tieni alternattiva proposta mill-perit, mentri l-konvenuti ssottomettew li, jekk din l-alternattiva tiġi akkolta, huma jsofru danni fl-immobili l-oħra li jibqgħu;

Illi l-perit tekniku, imqabbad jirrelata fuq din il-kwistjoni, issottometta illi l-fond nklużi f'kull waħda mill-alternattivi suġġeriti mill-perit legali huma soġġetti għar-rati taċ-ċnus li jaggravaw fuq fondi oħra li jinsabu fil-kwota li tmiss lill-konvenuti, il-fondi kompriżi fiż-żewġ alternattivi huma sovrapposti jew sottoposti għal dawk li jidħlu b'dik il-kwota, u għalhekk ikkonkluda li ebda waħda minn dawn l-alternattivi ma tiddisturba l-prinċipju tal-ugwaljanza li għandu jkun hemm bejn il-kondividenti ta' ħwejjeġ komuni;

Illi d-dispożizzjoni tal-art. 541 (Kod. Ċiv.), apparentement invokata mill-konvenuti, għandha tiġi nterpretata u meħuda flimkien mal-art. 538 tal-istess Kodiċi; jiġifieri illi l-istima u valur tal-porzjonijiet għandhom jiġu fissati "billi jitħarsu sakemm dan jista' jsir bla ħsara kbira, id-dispożizzjonijiet tat-tliet artikoli li ġejjin" (fosthom l-art. 541 fuq ċitat). Il-lokuzzjoni tal-liġi hija ċara; u din hija wkoll l-interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Diċembru 1947 fil-kawża "Debono vs. Fenech Adami" (inedita). Issa, il-konvenut ma ppruvax li l-ħsara li jista' jsofri tkun "konsiderevoli" skond il-liġi, u għalhekk f'dan ir-rigward ma hix applikabbli favur tiegħu d-dispożizzjoni minnu nvokata;

Illi mill-banda l-oħra, skond l-istess art. 541, f'kull

sehem għandha tidħol l-istess kwantità ta' ħwejjeġ immobili, jeddijiet jew krediti, tal-istess xorta u tal-istess valur. Din hija l-ewwel manifestazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza li għandha tirrenja fid-diviżjoni, u hija applikazzjoni tal-prinċipju fondamentali konsakrat fl-art. 539 (Kod. ċit.), fejn jingħad li "kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura" (ara f'dan is-sens Laurent, Diritto Civile, Vol. X, para. 331);

Illi l-attur spjega fin-nota tiegħu fol. 209 ir-raġunijiet tal-għażla tiegħu; u l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, mhux eskluża ċ-ċirkustanza li mix-xorta ta' fondi magħżula mill-attur jinsabu aktar minn wieħed fil-komunjoni, taqbel ma' dawk ir-raġunijiet; u tkompli tosserva li l-ekwiparazzjoni dovuta f'dan il-każ tkun sensibbilment anqas;

Illi għalhekk l-oppożizzjoni tal-konvenuti mhix ġustifikata;

*Omissis;*

Rat fol. 230 in-nota tal-appell tal-konvenuti, u fol. 231 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi revokat il-kap li bih l-Ewwel Qorti assenjat lill-attur nomine, in sodisfazzjon tal-leġittima, l-immobili kompriżi fit-tieni alternattiva proposta mill-perit legali, tal-valur komplessiv ta' £2,082. kontra l-ħlas ta' ekwiparazzjoni ta' £23. 5. 9d lill-eredi, billi jiġi minflok assenjat lill-attur nomine, in sodisfazzjon tal-leġittima, l-immobili 29/30 Pietà Wharf, Pjetà, tal-valur ta' £2100, kontra l-ħlas ta' ekwiparazzjoni ta' £41. 5. 9d; u fil-kumplament is-sentenza tiġi konfermata; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellat nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell hu ristrett għall-pont dwar liema beni għandhom jiġu assenjati lill-attur nomine in sodisfazzjon tal-leġittima, ċjoè jekk għandhomx jiġu assenjati, kif ġew

mill-Ewwel Qorti assenjati, l-immobili msemmija fit-tieni alternattiva suġġerita mill-perit legali (fol. 198 u 199), ossija, kif issa jippretendu l-appellanti, il-fond imsemmi fl-ewwel alternattiva fol. 198;

Ir-raġunijiet addotti mill-appellanti in sostenn tal-appell tagħhom kif hekk limitat huma sostanzjalment dawn:—

1. Il-perit legali assenja lill-attur nomine l-fond uniku tal-ewwel alternattiva, u ppropona l-alternattiva l-oħra fil-każ biss li l-attur nomine kien isib diffikultà jħallas l-ekwiparazzjoni ta' £41. 5. 9d; mentri din il-kondizzjoni ma avveratx ruħha;

2. It-tliet fondi assenjati lill-attur nomine huma mxerrdin, u kollha kemm huma sottoposti jew sovrapposti għal fondi li huma mqegħdin fil-porzjoni tal-appellanti; mentri, kieku jiġi akkolt l-appell, ikun hemm fond wieħed biss sovrappost għall-proprjetà tal-esponenti;

Dwar l-ewwel motiv;

Dan qed jippostula, erroneament, li l-perit għamel xi kondizzjoni li taffetta s-sostanza taż-żewġ alternattivi, meta semmа id-diffikultà li jista' talvolta jħoss l-attur nomine li jħallas l-ekwiparazzjoni. Qiegħed ukoll jippostula, erroneament, li l-Qorti hi b'xi mod marbuta bis-suġġeriment tal-perit jew b'xi kondizzjoni talvolta kontemplata minnu. Hu ċar li l-Ewwel Qorti setgħet liberament tagħżel it-tieni alternattiva apparti d-diffikultà tal-ħlas tal-ekwiparazzjoni, jekk dehrilha li din kienet, fil-limiti tal-prinċipji legali in materja, preferibbli; jew anki setgħet idealment tipprexxindi minn dawk l-alternattivi u tagħżel mod ieħor ta' assenjazzjoni. Dan kollu apparti r-rifless li bin-nota fol. 204 l-attur nomine virtwalment, anki jekk mhux espressament, irrespinġa l-ħass ta' dik l-ekwiparazzjoni, meta għażel l-alternattiva l-oħra;

Dwar it-tieni motiv;

Hu ċert li bl-assenjazzjoni li għażlet l-Ewwel Qorti ma

ġie vjolat ebda prinċipju regolatur tad-diviżjoni. Tant il-fond wieħed tal-ewwel alternattiva, kemm it-tliet fondi tat-tieni alternattiva, huma soġġetti għar-rata tal-istess ċens li jaggrava fuq il-fondi assenjandi lill-konvenuti. Anki fil-każ tal-fond imsemmi fl-ewwel alternattiva jkun hemm is-sovrappożizzjoni. Hija anki ġusta l-osservazzjoni tal-appellat nomine li, kunsidrata l-entità żgħira tal-leġittima (£2058.14.3) a paragun tal-kumplament tal-assi, li kif likwidat laħaq fuq it-£18,000, ma jidherx ekwu li l-leġittima tiġi soddisfatta bl-assenjazzjoni ta' fond wieħed, ta' indoli residenzjali, bil-limitazzjonijiet ta' sfruttament imposti mil-liġijiet tal-kera, anzikkè bl-assenjazzjoni ta' tliet fondi, li minnhom wieħed hu ħanut u l-ieħor garage, b'mod li l-varjetà tagħhom toffri potenzjalità akbar ta' valorizzazzjoni, speċjalment meta wieħed jikkunsidra, li assenjati dawn it-tliet fondi, a favur tal-kontroparti jibqgħu l-istabili kollha, ta' numru mhux indifferenti, elenkati fol. 187-192. Ma jidherx li fiċ-ċirkustanzi għandha tiġi miċħuda lill-appellat nomine l-potenzjalità ta' redditu akbar u ta' prezz aktar vantaġġjus f'każ ta' bejgħ. Il-Qorti ma tarax fl-assenjazzjoni magħżula mill-Ewwel Qorti xi possibbilità ta' dik il-ħsara konsiderevoli li kienet talvolta tista' twassal għal soluzzjoni oħra. L-inkonvenjent ta' numru akbar ta' fondi sovraposti jew sottoposti ma hux dik il-ħsara konsiderevoli li ssemmi l-liġi f'din il-materja ta' diviżjonijiet. Inoltre, bl-abolizzjoni tal-irkupru reċentement magħmula, l-argument kontenut fl-aħħar paragrafu tan-nota tal-appellanti fol. 222 tilef mill-forza tiegħu. Hemm anki li bl-assenjazzjoni tat-tliet fondi ġiet ridotta sensibbilment l-ekwiparazzjoni minn £41. 5. 9d għal £23. 5. 9d; u hu dejjem deżiderabbli li l-ekwiparazzjoni ma tkunx wisq oneruża, sabiex ma tiġix żnaturata l-funzjoni tagħha (Duvergier, Dell'Incanto, n. 135);

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti. Tiddestina għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt imsemmi fl-ewwel sentenza l-15 ta' Mejju 1961, bl-istess modalitajiet ġa provduti.